Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 45/2020: **DRAGON CO. LIMITED (C21346) V.** DR. VERONICA AQUILINA FIL-KWALITA' TAGĦHA TA' KURATRIĊI TA' **EDWIGE ATTARD** U B'DIGRIET TAT-13 TA' APRIL 2021 DR. MARIA KARLSSON ĠIET MAĦTURA BĦALA KURATUR DEPUTAT BIEX TIRRAPREŻENTA L-EREDI MHUX MAGĦRUFA TA' EDWIGE ATTARD

(AMMONT DOVUT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**15 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Dragon Co. Limited ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2020,

wara li rat in-nota ta' Dr. Veronica Aquilina tad-9 ta' Lulju 2020[1] li permezz tagħha infurmat lill-Qorti illi Edwige Attard ("l-intimata") ġiet nieqsa fl-4 ta' Diċembru 2019 u li għalhekk l-inkarigu tagħha bħala kuratur tad-defunta kien spiċċa *ex lege* fl-istess data,

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-kumpanija rikorrenti,

wara li rat ir-rikors tal-kumpanija rikorrenti tat-2 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu l-Qorti intalbet taħtar kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-eredi mhux magħrufa tal-intimata fl-atti ta' din il-kawża[2],

[1] Fol 7
[2] Fol 22-23

wara li rat illi bid-digriet tagħha tat-13 ta' April 2021 il-Qorti ħatret lil Dr. Maria Karlsson bħala kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lill-eredi mhux magħrufa tal-intimata[3],

wara li rat ir-risposta tal-kuratur deputat tal-intimata ppreżentata fil-11 ta' Ġunju 2021[4],

wara li semgħet it-trattazzjoni finali ta' Dr. Natalino Caruana De Brincat għall-kumpanija rikorrenti,

wara li rat id-dokumenti kollha l-oħra esebiti fil-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrenti qed titlob mill-intimata l-ħlas tas-somma ta' disgħa t'elef tlett mija ħamsa u sittin euro u tletin centeżmu (€9,365.30) rappreżentanti prezz ta' servizzi mogħtija lil Edwige Attard fuq ordni ta' Dr. Veronica Aquilina fil-kapaċita tagħha bħala kuratriċi tal-istess Edwige Attard, skond kif jidher mill-prospett anness mar-rikors immarkat bħala Dok. A. Intalab ukoll l-imgħax u l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 25 ta' Frar 2020 (kopja annessa mar-rikors u mmarkata bħala Dok. B).

2. Dr. Veronica Aquilina ppreżentat nota fid-9 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha nfurmat lill-Qorti illi l-intimat ġiet nieqsa fl-4 ta' Diċembru 2019. B'hekk l-inkarigu tagħha kien intemm *ex lege* fl-istess data.

3. Fit-2 ta' Frar 2021 r-rikorrenti ppreżentat rikors li permezz tiegħu nfurmat lill-Qorti illi wara tfittxijiet li kienu saru (elenkati mal-istess rikors) irriżulta li l-intimata kienet mietet *ab intestato* u li l-eredi tagħha ma' kienux magħrufha. Għaldaqstant talbet il-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-eredi mhux magħrufa tal-intimata fl-atti ta' din il-kawża.

4. Bid-digriet tagħha tat-13 ta' April 2021 il-Qorti ħatret lil Dr. Maria Karlsson bħala kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lill-eredi mhux magħrufa tal-intimata. Imbagħad fil-11 ta' Ġunju 2021 l-istess kuratur deputat ippreżentat ir-risposta tagħha li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

[3] Fol 29
[4] Fol 41

1. Preliminarjament illi ma ġietx notifikata bid-dokumenti Ii kien hemm annessi mar-rikors promotur u bil-provi dokumentari in sostenn tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

2. Li ma’ ġiex indikat fir-rikors id-data ta' meta Dr. Veronica Aquilina kienet talbet lill-Qorti sabiex tiġi rilaxxata mill-inkarigu bħala kuratriċi tal-intimata wara l-mewt tagħha.

3. Li l-ittra uffiċjali hija nulla peress illi ma jirriżultax illi r-rikorrenti kellha titolu eżekuttiv kif inhu rikjest mill-liġi.

4. Li l-kuratur deputat m'hijiex edotta mill-fatti u għaldaqstant tirriserva d-dritt li tagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt meta jkun il-każ.

**Provi**

5. Il-kumpanija rikorrenti ressqet lil **<u>Yanika Cachia</u>** bħala xhud tagħha fis-seduta tal-1 ta’ Frar 2021. Din ikkonfermat li l-ammont mitlub ta’ €9,365.30 kif muri fil-prospett anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala Dok A kien għadu dovut lill-istess kumpanija. Hija sostniet illi l-kumpanija kienet ilha diversi snin tiġri wara Dr. Veronica Aquilina sabiex titħallas:

   *“Fejn kull darba nibghatilha reminder u ma kelli l- ebda response minghandha. Anke gejt l- ufficcju taghha, per ezempju tghidli ejja bid- dokumenti, mmur l- ufficcju u ma nisma’ xejn. L- ahhar li kelmitni qaltli li kellha taghmel rikors biex hi tinbidel u jien ghidtilha speci ta’ l- ewwel aghti li ghandek dovut ghidtilha ghax min ha jigi flokok mhux se jiehu pjacir isib dak il- kont li ghandek taghti inti lill- kumpanija. U minn hemm ergajna ma smajna xejn.”*

   Ix-xhud ippreżentat ukoll numru ta’ *emails* li ġew skambjati mal-istess Dr. Aquilina.

**Kunsiderazzjonijiet**

6. Il-Qorti tqis illi meta l-kawża ġiet differita għall-provi tal-intimata, il-kuratur deputat iddikjarat illi ma’ kelliex provi xi tressaq u li l-kawża setgħet tmur għat-trattazzjoni.

7. Mill-provi li ġew ippreżentati, senjatament mill-korrispondenza esebita mix-xhud Yanika Cachia, joħroġ illi fis-16 ta’ Ġunju 2018, l-Avukat Dr. Veronica Aquilina, dak iż-żmien kuratur tal-intimata, kienet wieġbet lill-istess Cachia permezz ta’ email *inter alia* fir-rigward tal-ammonti dovuti lill-kumpanija rikorrenti sa’ dak iż-żmien. Din qaltilha s-segwenti:

*"would you kindly leave documents at reception. will collect on wednesday and request the court to forward payment. would you have any news as to whether edwidge should find alternative accomodation?"*

8. Mill-prospett esebit mar-rikors promotur jirriżulta illi huwa biss parti żgħir mill-ammont reklamat illi kien laħaq akkumula sas-16 ta' Ġunju 2018. Għalhekk semmai l-*email* esebita turi li l-kuratur tal-intimata kienet qed tikkonferma l-ammont li kien dovut sa' dakinhar, ċioe l-ammont ta' € 945.59 (ossia' għaxra fil-mija tal-ammont kollu mitlub f'din il-kawża). Mill-bqija l-korrispondenza esebita ma' tantx għanda xi preġju probattiv.

9. Min-naħa l-oħra l-Qorti tara li ma' hemm xejn x'iġiegħla titħasseb dwar il-veraċita tal-fatti esposti mill-kumpanija rikorrenti tramite r-rappreżentanta tagħha. Il-provi, xotti kemm huma xotti, fil-preponderanza tagħhom jxaqilbu kollha lejn il-posizzjoni tal-kumpanija rikorrenti li hija għandha tieħu l-ammont ta' €9,365.30 mill-intimata.

10. Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-kuratur deputat tal-intimata filwaqt li l-ewwel eċċezzjoni tidher li ġiet sorvolata bid-dehra tal-istess kuratur f'numru ta' seduti quddiem il-Qorti, it-tieni waħda ma' jidhirx li minna nfusha kienet intiża sabiex b'xi mod ixxejjen it-talbiet tar-rikorrenti u l-istess japplika għat-tielet eċċezzjoni. Fir-rigward ta' din l-aħħar eċċezzjoni ma' jirriżultax lill-Qorti illi l-ittra uffiċjali msemmija kienet ġiet ippreżentata mir-rikorrenti sabiex tenforza xi titolu eżekuttiv. Ir-raba' eċċezzjoni hija waħda ġenerika fis-sens illi l-kuratur deputat ma' kienetx, sal-istadju tar-risposta, edotta mill-fatti, sitwazzjoni li probabbilment baqgħet tippersisti sal-aħħar ta' din il-kawża tant illi l-istess kuratur deputat baqgħet ma' ressqet l-ebda provi.

**Deċiżjoni**

11. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u**

    1. **Tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' disgħa t'elef tlett mija ħamsa u sittin euro u tletin centeżmu (€9,365.30) rappreżentanti prezz ta' servizzi mogħtija lil Edwige Attard fuq ordni ta' Dr. Veronica Aquilina fil-kapaċità tagħha bħala kuratriċi tal-istess Edwige Attard,**

    2. **Tikkundanna lill-intimata tħallas lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħaxijiet mid-data ta' din is-sentenza,**

3. **Fir-rigward tal-ispejjeż mitluba dawn jkunu a karigu tal-intimata. Għall kull bwon fini, l-Qorti tordna ukoll l-ħlas tad-drittijiet tad-Deputat Kuratur skond il-liġi.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur